IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.6.2021
COM(2021) 336 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tal-bażijiet legali l-ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) f'konformità mal-Artikolu 66(4) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(4) tar-Regolament (UE) 2018/1862

1. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw tliet Regolamenti ġodda dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem: ir-Regolamenti)[1].

L-Artikolu 66(4) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(4) tar-Regolament (UE) 2018/1862 jeżiġu li l-Kummissjoni tippreżenta, fuq bażi annwali, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti.

L-ewwel rapport dwar l-i*status* adottat fi Frar 2020[2] jiddeskrivi l-ħidma preparatorja li saret mill-Kummissjoni, l-aġenziji u l-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Settembru 2019.

It-tieni rapport dwar l-i*status* ikopri l-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2019 sat-30 ta' Settembru 2020[3]. Ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni li l-Istati Membri u l-aġenziji għamlu disponibbli għall-Kummissjoni fi kwestjonarji u stħarriġ, kif ukoll fuq l-eżiti tal-laqgħat u sessjonijiet ta' ħidma.

It-taqsimiet differenti jispjegaw ix-xogħol kopert matul il-perjodu ta' rapportar mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-aġenziji.

2. SITWAZZJONI ATTWALI TAT-TĦEJJIJIET GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-REGOLAMENTI

2.1. Tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni

2.1.1. Rekwiżiti

Emenda speċifika għall-Manwal SIRENE[4] hija meħtieġa sabiex il-Europol tkun tista' tiskambja informazzjoni supplimentari mal-Uffiċċji SIRENE kif previst fil-punt 9 tal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-punt 7 tal-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2018/1862.

---

1 Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1;
Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14;
Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56.

2 COM(2020) 72 final.

3 L-informazzjoni rrappurtata hija relatata biss mal-perjodu attwali ta' kopertura ta' dan ir-rapport. Avvenimenti jew attivitajiet oħra li seħħew wara l-perjodu ta' rapportar se jiġu inklużi fir-rapport li jkopri l-perjodu ta' rapportar li jmiss (mill-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021).

4 Il-Manwal SIRENE huwa att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari relatata mat-twissijiet.

Barra minn hekk, l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni sħiħa tar-Regolamenti jridu jiġu adottati qabel ma s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta tkun tista' tibda topera skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(2) tar-Regolament (UE) 2018/1862. L-iskadenza legali għall-applikazzjoni sħiħa tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta hija t-28 ta' Diċembru 2021.

2.1.2. Finalizzazzjoni ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tekniċi

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-aġenziji u l-Kumitat rilevanti[5], iffinalizzat ix-xogħol dwar id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li huma prerekwiżit tekniku għad-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta.

2.1.3. Reviżjoni tal-Manwal SIRENE f'żewġ fażijiet

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-aġenziji u l-Kumitat tas-SIS-SIRENE, għamlet progress sinifikanti fl-aġġornament tal-Manwal SIRENE, f'żewġ fażijiet:

- l-ewwel fażi: emenda speċifika tal-Manwal SIRENE attwali[6] biex il-Europol tiġi inkluża fl-iskambju ta' informazzjoni supplimentari mal-Uffiċċji SIRENE kif previst fil-punt 9 tal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-punt 7 tal-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2018/1862;

- it-tieni fażi (li għandha titlesta bħala prekondizzjoni tal-bidu integrali tal-applikazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta): ir-reviżjoni sħiħa tal-Manwal SIRENE, inklużi l-proċeduri ġodda kollha meħtieġa fid-dawl tar-Regolamenti.

Fir-rigward tal-**emenda speċifika tal-Manwal SIRENE fl-ewwel fażi**, il-Kummissjoni ħolqot regoli speċifiċi għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari bejn il-Europol u l-Uffiċċji SIRENE, b'mod partikolari dwar:

- l-użu ta' kodiċijiet ta' trattament;
- il-provvediment ta' informazzjoni supplimentari mill-Europol wara konkordanza;
- il-provvediment ta' informazzjoni supplimentari mill-Uffiċċji SIRENE wara hit dwar allerti relatati ma' reati terroristiċi;
- il-proċeduri għall-Europol meta jkollha bżonn tikseb qbil biex tuża *data* u informazzjoni supplimentari, jew biex taqsamha ma' pajjiżi terzi;
- il-proċeduri għall-Europol meta jkollha bżonn tikseb qbil dwar il-prolungament tal-ħżin ta' informazzjoni supplimentari; kif ukoll
- il-ġbir u l-provvediment ta' statistika dwar l-iskambju ta' informazzjoni supplimentari mill-Europol.

Il-ħidma preparatorja tlestiet matul il-perjodu ta' rapportar.

---

[5] It-terminu "Kumitat SIS-SIRENE" jinkludi kemm il-Kumitat tal-Pulizija ta' SIS-SIRENE kif ukoll il-Kumitat tal-Fruntieri ta' SIS-SIRENE (ara https://ec.europa.eu/transparency/regcomitology/index.cfm?do=List.list).

[6] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1528 tal-31 ta' Awwissu 2017 li tissostitwixxi l-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/115/UE dwar il-Manwal SIRENE u miżuri oħra ta' implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni (SIS II) ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (ĠU L 231, 7.9.2017, p. 6).

Fir-rigward tar-**reviżjoni sħiħa tal-Manwal SIRENE fit-tieni fażi**, matul il-perjodu ta' rapportar il-Kummissjoni organizzat disa' laqgħat tas-Sottogrupp SIRENE biex tanalizza bir-reqqa r-rekwiżiti proċedurali li joriġinaw mir-Regolamenti. Il-ħidma preparatorja ewlenija tlestiet matul il-perjodu ta' rapportar, inkluża r-reviżjoni tal-formoli SIRENE (il-mudelli użati mill-Uffiċċji SIRENE għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari b'mod strutturat) u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju tal-formoli SIRENE.

Il-ħidma se tkompli matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss bil-għan li jintlaħaq ftehim dwar l-abbozz tal-Manwal SIRENE fil-Kumitat tas-SIS-SIRENE u li jiġi adottat il-Manwal SIRENE rivedut sa tmiem il-perjodu ta' rapportar li jmiss.

2.2. L-iżvilupp tas-SIS Ċentrali[7] u t-tħejjija ta' attivitajiet ta' ttestjar mill-eu-LISA

2.2.1. Il-kompiti tal-eu-LISA

L-eu-LISA hija inkarigata mit-tħaddim u l-iżvilupp tas-SIS Ċentrali u għandha rwol kruċjali fl-implimentazzjoni tar-Regolamenti. Il-kompiti ewlenin tal-eu-LISA huma:

- li taġġorna d-dokumentazzjoni teknika għas-SIS Ċentrali u l-interazzjonijiet bejn is-SIS Ċentrali u s-sistemi nazzjonali f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti u l-atti ta' implimentazzjoni;

- li timplimenta l-modifiki meħtieġa fis-SIS Ċentrali u tħejji, tikkoordina u twettaq l-attivitajiet ta' ttestjar kollha fir-rigward tas-SIS Ċentrali u l-interazzjonijiet mas-sistemi nazzjonali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u mal-aġenziji;

- li tlesti l-attivitajiet ta' ttestjar kollha qabel ma s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta tkun tista' tibda topera skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(2) tar-Regolament (UE) 2018/1862.

2.2.2. Dħul fis-seħħ tal-ewwel fażi ta' implimentazzjoni fit-8 ta' Jannar 2020

Fit-8 ta' Jannar 2020, l-eu-LISA bdiet tħaddem l-ewwel verżjoni tal-aġġornament tas-SIS Ċentrali f'konformità mar-Regolamenti, filwaqt li tat aċċess sħiħ lill-Europol għall-allerti kollha maħluqa fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u ppermettiet lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tistabbilixxi konnessjoni teknika mas-SIS Ċentrali, kif meħtieġ skont il-punt 9 tal-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-punti 7 u 8 tal-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) 2018/1862. Barra minn hekk, l-aġenziji ngħataw aċċess għall-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

[7] Is-"SIS Ċentrali" kif deskritta fl-Artikolu 4.1(a) tar-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14; u r-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56.

2.2.3. Tħejjijiet għall-iżvilupp tal-parti mhux bijometrika tas-SIS Ċentrali biex tibda topera qabel tmiem l-2021

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA organizzat għaxar laqgħat tal-Forum tal-Ġestjoni tal-Proġetti mal-partijiet ikkonċernati kollha (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u l-kuntrattur estern biex tidderieġi l-progress fl-iżvilupp u l-finalizzazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'konformità mar-regoli tekniċi miftiehma fil-kumitat rilevanti.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-parti mhux bijometrika tar-reviżjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ġew approvati mill-partijiet ikkonċernati kollha f'Mejju 2020, u eu-LISA bdiet l-iżvilupp tal-modifiki meħtieġa għas-SIS Ċentrali matul il-perjodu ta' rapportar.

2.2.4. Tħejjijiet għall-iżvilupp tal-parti bijometrika tas-SIS Ċentrali għall-bidu tal-operazzjonijiet qabel tmiem l-2021

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA organizzat disa' laqgħat speċifiċi mal-partijiet ikkonċernati kollha (il-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u l-kuntrattur estern dwar is-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba'. Il-komponent bijometriku ta' din is-sistema beda jopera f'Marzu 2018, iżda r-Regolamenti jeħtieġu modifiki importanti. B'mod partikolari, it-tiftix bijometriku se jiġi estiż b'kategoriji ġodda ta' *data* dattiloskopika (l-impronti tal-pala tal-id u marki tal-pala/swaba' tal-id).

Il-fażi "Analiżi u Disinn" li tkopri l-ħidma preliminari dwar il-bidu tal-proġett, ir-rekwiżiti u l-ispeċifikazzjoni ġiet konkluża matul il-perjodu ta' rapportar bil-finalizzazzjoni u l-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi skedati għall-1 ta' Ottubru 2020. Inbdiet it-tieni fażi li hija "Implimentazzjoni".

2.2.5. Rieżami tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Uffiċċji SIRENE

Ir-reviżjoni tal-formoli mill-kumitat rilevanti msemmi fil-punt 2.1.3 kienet teħtieġ aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju ta' formoli u d-dokumentazzjoni relatata. F'konformità mal-Artikolu 15(3)(b) komuni tar-Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2018/1862, il-manutenzjoni u l-aġġornament tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju ta' informazzjoni supplimentari bejn l-Uffiċċji SIRENE ġew assenjati lil eu-LISA.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-eu-LISA organizzat ħames sessjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati kollha biex tilħaq ftehim ġenerali dwar ir-rekwiżiti f'Settembru 2020. Huwa ppjanat li sa tmiem l-2020 jiġu ffinalizzati u approvati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u d-dokumentazzjoni.

2.2.6. Sommarju u riskji

F'konfront mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, meta l-eu-LISA bdiet it-tħejjijiet għall-proġett bil-ħolqien ta' gruppi tekniċi u bl-organizzazzjoni tal-ippjanar globali, qed isir progress fil-ħidma għall-iżvilupp tas-SIS Ċentrali f'konformità mar-Regolamenti.

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi huma approvati u l-iżvilupp fil-parti mhux bijometrika tas-SIS Ċentrali jinsab għaddej. Għall-parti bijometrika tas-SIS Ċentrali, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi

huma ffinalizzati u ngħata bidu għall-iżvilupp. Iż-żewġ partijiet tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi se jingħaqdu f'dokument uniku sal-aħħar tal-2020.

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt fuq l-ippjanar globali b'nuqqas ta' hardware, dewmien fil-forniment ta' hardware, restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u inaċċessibbiltà taċ-ċentri tad-*data* tal-eu-LISA. L-ippjanar globali għall-2020 u l-2021 ġie aġġustat mill-ġdid u l-2021 se tkun iddedikata għal attivitajiet ta' ttestjar mal-Istati Membri u mal-aġenziji sa Novembru, wara l-perjodu ta' rapportar li jmiss. Skont l-ippjanar globali, għadu skedat li r-rilaxx finali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta tkun operattiva sa tmiem l-2021, f'konformità mal-iskadenzi speċifikati fir-Regolamenti.

2.3. Tħejjijiet tal-Istati Membri

2.3.1. Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti

Dan ir-rapport ikopri 25 Stat Membru tal-UE u erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen[8] konnessi mas-SIS Ċentrali matul il-perjodu ta' rapportar, u żewġ Stati Membri tal-UE (Ċipru u l-Irlanda) li ma kinux konnessi mas-SIS Ċentrali matul il-perjodu ta' rapportar. [9]

L-Artikolu 66(5)(c) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(5)(c) tar-Regolament 2018/1862 jeżiġu li l-Istati Membri kollha konnessi mas-SIS Ċentrali jkunu implimentaw il-funzjonalità tat-tiftix tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' fis-sistemi nazzjonali tagħhom sat-28 ta' Diċembru 2020. Dan l-obbligu għadu ma japplikax għal Ċipru u għall-Irlanda, peress li kienu għadhom mhux konnessi mas-SIS Ċentrali matul il-perjodu ta' rapportar.

Barra minn hekk, hemm bżonn li l-Istati Membri kollha konnessi mas-SIS Ċentrali jiggarantixxu l-iżvilupp f'waqtu tas-sistemi nazzjonali tagħhom f'konformità mad-dokumenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi approvati.

L-Istati Membri jridu jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni li jkunu għamlu l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa biex jipproċessaw id-*data* u jiskambjaw informazzjoni supplimentari skont dan ir-Regolament qabel ma s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta tkun tista' tibda topera f'konformità mal-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(2) tar-Regolament (UE) 2018/1862.

2.3.2. Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen - Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (li għandha titlesta sa tmiem l-2020)

L-obbligu li tiġi implimentata l-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tapplika għal 25 Stat Membru tal-UE u erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (Ċipru u l-Irlanda għadhom mhumiex koperti matul il-perjodu ta' rapportar attwali).

L-i*status* sa tmiem il-perjodu ta' rapportar (it-30 ta' Settembru 2020) huwa dan li ġej:

---

[8] L-Iżvizzera, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżlanda.

[9] Barra minn hekk, filwaqt li r-Renju Unit kien għadu konness mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-perjodu ta' rapportar, mhuwiex kopert minn dan ir-rapport peress li ma ħax sehem fit-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti

- 22 minn 29 Stat li qed jipparteċipaw diġà bdew jimplimentaw il-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba';

- 5 mid-29 Stat li qed jipparteċipaw ippjanaw li jimplimentaw il-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' qabel tmiem l-2020;

- 2 mid-29 Stat li qed jipparteċipaw ippjanaw li jimplimentaw il-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' fl-2021; iż-żewġ Stati kkonċernati indikaw li d-dewmien kien dovut għall-impatt tal-kriżi tal-COVID-19.

2.3.3. Tħejjijiet għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti (li għandha titlesta matul l-2021)

It-tħejjijiet mill-Istati Membri huma kruċjali għaliex il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi biss id-data minn meta s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen il-ġdida tibda topera skont l-Artikolu 66(2) tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 79(2) tar-Regolament (UE) 2018/1862 wara li l-Istati Membri jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni li għamlu l-arranġamenti tekniċi u legali meħtieġa.

Il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri kollha tal-UE u lill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen biex jirrappurtaw permezz ta' kwestjonarju mniedi f'Settembru 2020 dwar it-tħejjijiet li saru fil-livell nazzjonali fil-perjodu ta' rapportar. L-Istati Membri kollha wieġbu (31 rispondent).

L-Istati Membri ntalbu jipprovdu input fl-oqsma li ġejjin:

- l-ippjanar u l-ġestjoni tal-proġetti;

- il-koordinazzjoni interna;

- il-valutazzjoni tal-impatt f'termini ta' baġit, riżorsi umani, organizzazzjoni u leġiżlazzjoni nazzjonali;

- ir-riskji.

F'termini ta' ppjanar ta' proġetti, kważi l-Istati Membri kollha u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen (29 rispondent minn 30) diġà bdew jiddefinixxu jew diġà ddefinixxew pjan ta' proġett u l-istadji importanti relatati (15 aktar milli fl-2019). Barra minn hekk, 28 rispondent minn 31 stabbilixxew jew se jistabbilixxu fil-futur qrib tim speċifiku tal-proġett u assenjaw maniġer tal-proġett, filwaqt li t-tliet Stati l-oħra se jiġġestixxu l-implimentazzjoni permezz ta' dipartimenti jew timijiet eżistenti. Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu (24), fl-2020 stabbilixxew kooperazzjoni fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti.

F'termini ta' valutazzjoni tal-impatt, l-Istati Membri bħalissa jinsabu fi stadji differenti ta' tħejjija[10]:

valutazzjoni tal-impatt fuq il-baġit:

- 14-il Stat Membru lestew il-valutazzjoni u allokaw il-baġit relattiv;

[10] Mhux l-Istati Membri kollha setgħu jipprovdu valutazzjoni speċifika għal kull waħda mill-kategoriji kkunsidrati fil-kwestjonarju.

- 16-il Stat Membru lestew il-valutazzjoni u se jallokaw il-baġit sa tmiem l-2020 jew sal-bidu tal-2021;

- Stat Membru wieħed se jibda l-valutazzjoni sal-bidu tal-2020;

valutazzjoni tal-ħtiġijiet tar-riżorsi umani:

- 17-il Stat Membru lestew il-valutazzjoni;

- 9 Stati Membri se jlestu l-valutazzjoni sal-2020 jew fl-2021;

- 5 Stati Membri se jibdew il-valutazzjoni sa tmiem l-2021 jew ma indikaw l-ebda data;

valutazzjoni tal-ħtiġijiet organizzattivi:

- 5 Stati Membri lestew il-valutazzjoni u adottaw miżuri biex ilaħħqu mal-implimentazzjoni;

- 14-il Stat Membru lestew il-valutazzjoni iżda jeħtieġ li jadottaw miżuri biex ilaħħqu mal-implimentazzjoni;

- 9 Stati Membri se jibdew il-valutazzjoni sa tmiem l-2020 jew sal-bidu tal-2021;

- 3 Stati Membri rrappurtaw li bdew il-valutazzjoni iżda ma indikawx data finali;

valutazzjoni tal-impatt fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali:

- Stat Membru wieħed lesta l-analiżi u approva l-emendi;

- 16-il Stat Membru lestew il-valutazzjoni u bdew l-approvazzjoni tal-emendi;

- erba' (4) Stati Membri se jlestu l-valutazzjoni sal-aħħar tal-2020;

- 7 Stati Membri se jlestu l-valutazzjoni fil-bidu tal-2021 jew matul is-sena;

- 3 Stati Membri se jlestu l-valutazzjoni sal-aħħar tal-2021.

2.3.4. Sommarju u riskji

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Istati Membri wrew progress fl-oqsma kollha ta' tħejjija tal-proġetti għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti. L-Istati Membri qed jagħmlu progress fl-analiżi tar-rekwiżiti tas-sistema, u xi Stati Membri diġà bdew jiżviluppaw is-sistemi nazzjonali tagħhom matul il-perjodu ta' rapportar. L-approvazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-parti bijometrika u dik mhux bijometrika tas-SIS Ċentrali matul il-perjodu ta' rapportar għamlitha possibbli biex l-Istati Membri jibdew dawn l-iżviluppi nazzjonali. Madankollu, ix-xogħol ewlieni se jitwettaq fil-perjodu ta' rapportar li jmiss, li jibda mill-1 ta' Ottubru 2020.

F'dak li jirrigwarda t-tiftix tal-marki tas-swaba' l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri se jkunu operattivi sa tmiem l-2020, kif mitlub mir-Regolamenti.

Fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, l-Istati Membri enfasizzaw diversi riskji u kwistjonijiet għas-suċċess tal-proġett fil-livell nazzjonali, bħal:

- l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 bħala riskju ġenerali ta' dewmien possibbli;
- skedi ta' żmien ambizzjużi u ħafna proġetti relatati ma' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira bi skadenzi simili;
- problemi ta' persunal, problemi fil-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u xi kwistjonijiet rigward proċeduri leġiżlattivi interni.

Il-Kummissjoni u l-eu-LISA se jkomplu jsegwu mill-qrib l-attivitajiet preparatorji tal-Istati Membri matul il-laqgħat regolari tal-kumitat relattiv u l-Forum ta' Ġestjoni tal-Proġetti.

2.4. Aġenziji

2.4.1. Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti

Din il-parti tar-rapport tiffoka fuq it-tħejjijiet li saru mill-Europol u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta hekk kif sa tmiem l-2019 id-dispożizzjonijiet li għandhom impatt fuq dawn l-aġenziji kienu daħlu fis-seħħ. Il-bidliet li għandhom impatt fuq il-Eurojust huma minimi u japplikaw biss sa minn tmiem l-2021. Il-Eurojust ukoll ma weġbitx għall-kwestjonarju iżda jeħtieġ li tiġi inkluża fir-rapport li jkopri l-perjodu ta' rapportar li jmiss.

2.4.2. Il-Europol

Il--Europol diġà hija utent tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Ir-Regolamenti jinkludu modifiki li jeffettwaw lill-Europol fiż-żewġ oqsma li ġejjin:

- l-aċċess għall-kategoriji kollha ta' twissijiet, u
- il-konnessjoni man-netwerk SIRENE.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda japplikaw minn tmiem l-2019.

Sal-aħħar ta' Novembru 2019, il-Europol kienet ikkonkludiet it-tħejjijiet tekniċi biex l-interfaċċja tat-tiftix eżistenti tkun tista' taċċessa t-twissijiet kollha. F'Jannar 2020, il-Europol ingħatat aċċess tekniku għat-tipi kollha ta' twissija bħala parti mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen il-ġdida. Il-Europol ippermettiet dan l-aċċess lill-utenti finali tagħha wara eżitu pożittiv ta' proċess ta' konsultazzjoni minn qabel mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* matul il-perjodu ta' rapportar.

Il-Europol inizjalment kellha l-għan li tkun lesta għall-konnessjoni man-netwerk SIRENE sa tmiem l-2020. Madankollu, it-tħejjijiet għat-twaqqif tal-funzjoni SIRENE fil-Europol komplew matul l-2020. Il-Europol qed tfassal mill-ġdid il-proċessi operazzjonali interni li se jintlaqtu mill-fluss ta' informazzjoni SIRENE u qed tivvalida r-rekwiżiti dettaljati tal-integrazzjoni tal-mail relay SIRENE mal-ambjent intern fil-Europol. Huwa ppjanat li soluzzjoni *interim* li tippermetti l-irkupru, l-ipproċessar u t-trażmissjoni ta' messaġġi SIRENE tkun lesta għall-ittestjar sa tmiem l-2020 u huwa ppjanat li l-Europol tkun lesta biex

timplimenta l-funzjoni sħiħa tas-SIRENE sa tmiem l-2021 mhux sal-2020 kif kien ippjanat qabel.

2.4.3. Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

Skont ir-Regolamenti, minn tmiem l-2019 il-membri tat-timijiet assenjati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom id-dritt jaċċessaw il-kategoriji kollha ta' allerti. Il-membri ta' dawn it-timijiet jeħtieġ li jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen permezz ta' interfaċċja teknika stabbilita u ġestita mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Matul l-2019, l-Aġenzija għamlet it-tħejjijiet kollha f'forma ta' proġett maqsum f'partijiet differenti.

Matul il-perjodu ta' rapportar, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta rriportat l-attivitajiet li ġejjin:

- l-approvazzjoni ta' verżjoni finali tad-Dokument ta' Bidu tal-Proġett f'Awwissu 2020;

- fi Frar 2020 tnediet proċedura ristretta għal Kuntratt Qafas għall-iżvilupp ta' soluzzjoni ta' software għall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta; il-proċedura ddewmet minħabba l-COVID-19 u huwa ppjanat li l-offerta tasal mingħand l-offerenti sal-aħħar ta' Ottubru 2020;

- l-offerta għall-akkwist ta' apparat li jaqra d-dokumenti u skeners tal-marki tas-swaba' se tiġi ppubblikata mill-ġdid sal-aħħar ta' Ottubru 2020;

- l-ewwel abbozz ta' Proċeduri Operattivi Standard tħejja mit-tim tal-proġett u ġie kkonsultat internament fl-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta; Il-konsultazzjoni tal-Istati Membri tinsab għaddejja;

- l-eu-LISA pprovdiet ħardware ġdid għall-konnessjoni tan-netwerk mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u organizzat sessjonijiet ta' ħidma tekniċi għar-rappreżentanti tal-aġenziji ewlenin.

Għall-kuntrarju ta' dak li kien ikkalkulat fl-2019, il-proġett issa huwa kkalkulat li jieħu b'kollox 31 xahar u d-data finali tal-konsenja hija Mejju 2022. Huwa stmat li l-ewwel riżultat ewlieni tal-proġett (jiġifieri l-applikazzjoni web għat-tiftix) se jitwassal f'Novembru 2021.

3. KONKLUŻJONIJIET

Matul it-tieni perjodu ta' rappurtar (mit-30 ta' Settembru 2019 sat-30 ta' Settembru 2020), il-partijiet ikkonċernati differenti għamlu progress sinifikanti biex jimplimentaw ir-Regolamenti f'konformità mal-objettivi intermedji definiti:

1) **l-ewwel fażi ta' implimentazzjoni (minn tmiem l-2019)**: sat-8 ta' Jannar 2020 eu-LISA kienet iffinalizzat it-tħejjijiet meħtieġa biex testendi għall-Europol l-aċċess sħiħ għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, u biex tippermetti lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tikkonnettja mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; Il-Europol għandha aċċess għall-kategoriji kollha ta' twissija; l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kompliet il-proġett biex il-membri tat-timijiet tagħha jkunu jistgħu jkollhom aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen f'Novembru 2021;

2) **it-tieni fażi ta' implimentazzjoni (sa tmiem l-2020)**: fi tmiem il-perjodu ta' rappurtar, 22 Stat Membru bagħtu l-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba'; ħames Stati Membri għadhom qed jippjanaw li jimplimentaw il-funzjonalità sa tmiem l-2020; huwa kkalkulat li żewġ Stati Membri jkollhom ftit dewmien fl-implimentazzjoni (fil-bidu tal-2021);

3) **it-tielet fażi ta' implimentazzjoni (sa tmiem l-2021):** matul il-perjodu ta' rapportar, komplew l-attivitajiet ikkoordinati mill-Kummissjoni u mill-eu-LISA biex jitħejjew il-miżuri ta' implimentazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolamenti; il-finalizzazzjoni ta' xi objettivi intermedji importanti tal-ħidma preparatorja fl-2020 (atti ta' implimentazzjoni tekniċi u speċifikazzjonijiet tekniċi) għamlitha possibbli biex l-Istati Membri jibdew żviluppi nazzjonali biex ikunu lesti jibdew joperaw sa tmiem l-2021.

Il-pandemija tal-COVID-19 fixklet l-iskeda ta' implimentazzjoni, iżda l-miżuri stabbiliti mill-Kummissjoni, l-eu-LISA u l-Istati Membri f'dawn l-aħħar xhur għalissa wrew li huma effettivi u naqqsu l-impatt negattiv fil-livell ċentrali u nazzjonali.

Żewġ Stati Membri ddikjaraw li ma rnexxilhomx jimplimentaw il-funzjonalità tat-tiftix tal-marki tas-swaba' sal-aħħar tal-2020, kif meħtieġ mir-Regolament. Madankollu, id-dewmien huwa limitat għal ftit xhur u jenħtieġ li jkun aġġustat sal-bidu tal-2021.

Il-Kummissjoni se tkompli tinvolvi ruħha direttament kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tekniku u, f'koordinazzjoni mal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA, tagħmel monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen riveduta fil-kuntest tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni għall-fruntieri u s-sigurtà.

It-tielet rapport dwar l-i*status* se jiddeskrivi l-attivitajiet tal-partijiet ikkonċernati matul il-perjodu ta' rapportar li jmiss, mill-1 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Settembru 2021.